30 ta' April 2017
32/2017

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' MEJJU 2017**

It-Tnejn l-1 ta' Mejju 2017, fl-12:00 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jiċċelebra Quddiesa mat-tfal u ż-żgħażagħ miċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

Is-Sibt 6 ta' Mejju, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jikkonsagra l-artal u l-Knisja tal-Iklin.

Il-Ħadd 7 ta' Mejju, f'12:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-iskola Sant'Agata, ir-Rabat, maż-żgħażagħ u l-*youth leaders* li ser jattendu għall-konferenza 'Plexus'.

It-Tnejn 8 ta' Mejju, Festa tal-Madonna ta' Pompej, f'12:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jitlob s-Supplika tal-Madonna ta' Pompej, fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt Valletta. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi pellegrinaġġ u fis-7:00 p.m. jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja tal-Madonna ta' Pompej, Marsaxlokk. Il-Quddiesa ser tiġi mxandra 'live' fuq Radju Marija.

Il-Ġimgħa 19 ta' Mejju, fis-7:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-ministeru tal-lettorat lil erba' seminaristi, fis-Seminarju tal-Arċisqof.

Is-Sibt 20 ta' Mejju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar, u fis-6:30 p.m. jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar u jiltaqa' ma' dawk preżenti, fil-bidu tal-Viżta Pastorali fil-parroċċa tan-Naxxar.

Il-Ħadd 21 ta' Mejju, fit-8:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar u jiltaqa' ma' dawk preżenti, bħala parti mill-Viżta Pastorali. Fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Fr Reuben Micallef, il-Kappillan il-ġdid ta' Pembroke.

L-Erbgħa 24 ta' Mejju, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Helen Keller Institute, il-Qrendi.

Is-Sibt 27 ta' Mejju, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa ta' lejlet il-Festa ta' Marija Annunzjata, f'Ħal Tarxien.

Il-Ħadd 28 ta’ Mejju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Festa tal-Madonna ta’ Fatima, fil-Knisja Parrokkjali ta’ Gwardamanġa. Fis-6:30 p.m. Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Fr Rene Vella, il-Kappillan il-ġdid tal-Imtarfa.

It-Tnejn 29 ta’ Mejju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa ta’ radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta’ Ħal Kirkop, fl-okkażjoni tal-425 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta’ Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**